

Brussell, 4 ta' Mejju 2026
(OR. en)

8779/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2026/0097 (BUD)**

**FIN 614
SOC 231**

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	30 ta' April 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 50 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall- Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati wara applikazzjoni mill- Belġju – EGF/2025/009 BE/Soliver

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2026) 50 final.

Mehmuż: COM(2026) 50 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.4.2026
COM(2026) 50 final

2026/0097 (BUD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni
għall-Ħaddiema Ssensjati wara applikazzjoni mill-Belġju – EGF/2025/009 BE/Soliver**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

KUNTEST TAL-PROPOSTA

1. Ir-regoli applikabbli għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) huma stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013¹.
2. Fit-22 ta' Diċembru 2025, il-Belġju sottometta l-applikazzjoni EGF/2025/009 BE/Soliver għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, wara s-sensji f'Soliver NV (Soliver) fil-Belġju.
3. Wara l-valutazzjoni li għamlet ta' din l-applikazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet li, f'konformità mad-dispożizzjonijiet kollha applikabbli tar-Regolament (UE) 2021/691, il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG ġew issodisfati.

SOMMARJU TAL-APPLIKAZZJONI

Applikazzjoni tal-FEG	EGF/2025/009 BE/Soliver
Stat Membru	Il-Belġju
Ir-reġjuni l-iktar ikkonċernati (il-livell NUTS ² 2)	Il-Provinċja ta' Flanders tal-Lvant (BE23) u l-Provinċja ta' Flanders tal-Punent (BE25)
Data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni	It-22 ta' Diċembru 2025
Data tal-konferma tal-irċevuta tal-applikazzjoni	Is-17 ta' Frar 2026
Data tat-talba għal informazzjoni addizzjonali	Is-17 ta' Frar 2026
Skadenza għall-għoti tal-informazzjoni addizzjonali	10 ta' Marzu 2026
Skadenza għat-tlestija tal-valutazzjoni	It-28 ta' Mejju 2026
Kriterju ta' intervent	L-Artikolu 4(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2021/691
Intrapriża primarja	Soliver NV
Settur(i) ta' attività ekonomika (Id-Diviżjoni NACE Reviżjoni 2) ³	Diviżjoni 46 (Kummerċ bl-ingrossa)
Perjodu ta' referenza (4 xhur):	L-1 ta' Lulju 2025 – l-1 ta' Novembru 2025
Għadd ta' sensji matul il-perjodu ta' referenza	803

¹ ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48.

² Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni 2019/1755 tat-8 ta' Awwissu 2019 li jemenda l-Annessi tar-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS). ĠU L 270, 24.10.2019, p. 1-56.

³ ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1.

Għadd totali ta' benefiċjarji eliġibbli	803
Għadd totali ta' benefiċjarji fil-mira	803
Baġit għal servizzi personalizzati (EUR)	2 412 465
Baġit għall-implimentazzjoni tal-FEG ⁴ (EUR)	96 400
Baġit totali (EUR)	2 508 865
Kontribuzzjoni tal-FEG (85 %) (EUR)	2 132 535

VALUTAZZJONI TAL-APPLIKAZZJONI

Proċedura

- Il-Belġju ssottometta l-applikazzjoni EGF/2025/009 BE/Soliver fi żmien 12-il ġimgħa mid-data li fiha ġew issodisfati l-kriterji ta' intervent stabbiliti fl-Artikolu 4(2), il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2021/691, fit-22 ta' Diċembru 2025. Il-Kummissjoni kellha f'idha t-traduzzjoni tal-applikazzjoni fit-3 ta' Frar 2026. Fis-17 ta' Frar 2026, il-Kummissjoni kkonfermat li rċeviet l-applikazzjoni u talbet informazzjoni addizzjonali mill-Belġju. Tali informazzjoni addizzjonali nġhatat fi żmien 15-il jum ta' xogħol mit-talba. L-iskadenza ta' 50 jum ta' xogħol mill-wasla tal-applikazzjoni kompluta li fihom il-Kummissjoni għandha tiffinalizza l-valutazzjoni tagħha tal-konformità tal-applikazzjoni mal-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja hija t-28 ta' Mejju 2026.

Eliġibbiltà tal-applikazzjoni

Intrapriżi u benefiċjarji kkonċernati

- L-applikazzjoni hija relatata ma' 803 ħaddiema li l-attività tagħhom f'Soliver waqfet. L-intrapriża kienet topera fis-settur ekonomiku kklassifikat taħt id-diviżjoni 46 tan-NACE Reviżjoni 2 (Negozju bl-ingrossa). Is-sensji li nġhataw minn Soliver kienu jinsabu fir-reġjuni ta' NUTS 2 tal-Provinċja ta' Flanders tal-Lvant (BE23) u l-Provinċja ta' Flanders tal-Punent (BE25).

Kriterji ta' intervent

- Il-Belġju ssottometta l-applikazzjoni skont il-kriterji ta' intervent tal-Artikolu 4(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2021/691, li jirrikjedi l-waqfien tal-attività ta' mill-anqas 200 ħaddiem issensjat fuq perjodu ta' referenza ta' 4 xhur f'intrapriża fi Stat Membru, inklużi ħaddiema ssensjati minn fornituri u produttori downstream u/jew persuni b'impjieġ indipendenti li l-attività tagħhom tkun waqfet.
- Il-perjodu ta' referenza ta' 4 xhur għall-applikazzjoni jibda mill-1 ta' Lulju 2025 u jispiċċa fl-1 ta' Novembru 2025.
- Matul il-perjodu ta' referenza kien hemm 803 sensji f'Soliver.

Kalkolu tas-sensji u tal-waqfien tal-attività

- Skont l-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (a), flimkien mal-Artikolu 5, l-ewwel paragrafu, tar-Regolament (UE) 2021/691, kull waħda mit-803 sensji matul il-perjodu ta' referenza ġiet ikkalkolata mid-data tat-terminazzjoni *de facto* tal-kuntratt ta' impjieġ jew l-iskadenza tiegħu.

Benefiċjarji eliġibbli

- L-għadd totali ta' benefiċjarji eliġibbli huwa ta' 803.

⁴ F'konformità mal-Artikolu 7(5) tar-Regolament (UE) 2021/691.

Deskrizzjoni tal-eventi li wasslu għas-sensji u għall-waqfien tal-attività

11. L-event li wassal għal dawn is-sensji kien id-dikjarazzjoni tal-falliment ta' Soliver mill-Qorti Kummerċjali ta' Ghent fl-1 ta' Lulju 2025.
12. Soliver, li oriġinarjament kienet negozju tal-familja Belġjan li kien jipproduċi prodotti tal-ħġieġ (eż. ħġieġ għall-kostruzzjoni u ħġieġ awtomobilistiku), inxtrat fl-2018 mill-kumpanija American Glass Products Holding (AGP), u minflok bdiet tiffoka esklużivament fuq il-ħġieġ awtomobilistiku b'teknoloġija avvanzata.
13. Wara l-akkwiżizzjoni, Soliver espandiet b'żewġ siti ġodda fi Flanders tal-Lvant (Zwijnaarde u Evergem), flimkien mal-impjant oriġinali tagħha f'Rumbeke (Flanders tal-Punent). L-impjant ta' Zwijnaarde kien jispeċjalizza fit-tamboċi għall-karozzi elettriċi u fis-soqfa panoramiċi għal Ferrari, filwaqt li dak ta' Evergem kellu l-għan li jżid il-kapaċità tal-produzzjoni. Madankollu, l-impjant ta' Zwijnaarde bata minħabba d-dewmien fil-produzzjoni ta' xi mudelli ta' karozzi, li wassal għall-għeluq ta' żewġ linji u għat-tnaqis tal-profittabbiltà. Dak ta' Evergem ma kienx profittabbli minħabba li kellu kapaċità żejda u għax kien hemm reċessjoni fis-settur tal-karozzi. Billi ma setgħetx issolvi l-problemi finanzjarji tagħha, Soliver bdiet il-proċedimenti tal-falliment f'Diċembru 2024.

Impatt mistenni tas-sensji fir-rigward tal-ekonomija lokali, reġjonali jew nazzjonali u tal-impjiegi

14. Fl-2025, 11 665 intrapriża ġew iddikjarati falluti fil-Belġju⁵, żieda ta' 5,0 % meta mqabbla mal-2024 u ta' 13,6 % meta mqabbla mal-2023⁶. Il-biċċa l-kbira tagħhom (57,8 %) kienu jikkonċernaw intrapriżi li jinsabu fi Flanders. B'riżultat ta' dawn il-fallimenti, intilfu 28 945 impjieg, li 52,8 % minnhom kienu fi Flanders⁷.
15. It-territorji l-aktar affettwati mill-falliment ta' Soliver huma l-muniċipalitajiet ta' Roeselare (Flanders tal-Punent) u ta' Ghent (Flanders tal-Lvant). F'Jannar 2026, il-qgħad fi Flanders tal-Punent żdied b'7,6 % sena wara sena (36 916-il persuna reġistrata li qed ifittxu impjieg, 16 % tat-total ta' Flanders), filwaqt li fi Flanders tal-Lvant kien hemm żieda ta' 6,6 % (54 154 persuna li qed ifittxu impjieg, 24 % tat-total ta' Flanders). Iż-żieda fil-qgħad ta' Roeselare (+9,6 %) qabżet il-medja provinċjali b'2 punti perċentwali (pp), filwaqt li ż-żieda ta' Ghent (+5,0 %, 1,6 pp taħt il-livell provinċjali) kienet inqas severa.
16. Fl-2025, l-għadd ta' postijiet tax-xogħol vakanti naqas b'14 % f'Roeselare u b'7 % f'Ghent⁸, u b'hekk ġiet aggravata l-kundizzjoni tas-suq tax-xogħol li kien qed jitlef is-saħħa. Is-sensji ta' Soliver se jgħarrqu l-impjiegi lokali. Madankollu, il-ħaddiema b'ħiliet tekniċi—jew dawk li lesti li jitħarrġu mill-ġdid—x'aktarx li jsibu opportunitajiet minħabba n-nuqqas ta' professjonisti tekniċi, fid-dawl tal-fatt li hemm inqas żgħażagħ li qegħdin jidħlu għat-taħriġ vokazzjonali u li l-forza tax-xogħol qed tixjieħ.

Applikazzjoni tal-Qafas tal-Kwalità tal-UE għall-antiċipazzjoni tal-bidla u r-ristrutturar (QFR)

17. Il-Belġju ddeskriva kif ġew ikkunsidrati r-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fil-Qafas ta' Kwalità tal-UE għall-antiċipazzjoni tal-bidla u tar-ristrutturar.

⁵ [Statbel. Għadd ta' fallimenti u impjiegi mitlufa fil-Belġju.](#)

⁶ [Statbel. Evoluzzjoni tal-għadd ta' fallimenti u impjiegi mitlufa kull sena.](#)

⁷ [Statbel. Għadd ta' fallimenti u impjiegi mitlufa fil-Belġju.](#)

⁸ [Arvastat.](#)

18. Il-Belġju rrapporta li l-liġi nazzjonali tax-xogħol⁹ dwar il-ġestjoni attiva tar-ristrutturar tirrikjedi li l-intrapriżi li jkunu għaddejnin minn ristrutturar jistabbilixxu unità tal-impjiegi, li l-għan tagħha huwa li tipprovdi lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja fil-kuntest ta' sensji kollettivi bi 30 siegħa ta' servizzi ta' rikollokament f'perjodu ta' 3 xhur (60 siegħa f'6 xhur għall-ħaddiema li għandhom aktar minn 45 sena). Madankollu, dan l-obbligu legali ma japplikax fil-każ ta' falliment. Għalhekk, il-miżura ta' rikollokament deskritta hawn taħt fil-paragrafu 24 tissostitwixxi s-servizzi ta' konsulenza u ta' rikollokament li dawn il-ħaddiema ssensjati ma jirċevux.
19. Fir-rigward tal-attivitajiet imwettqa biex jgħinu lill-ħaddiema ssensjati, il-Belġju rrapporta li l-ewwel event ta' tiftix ta' impjieg ("fiera tal-impjiegi") deskritta hawn taħt saret f'Roeselare, waqt li l-proċedimenti ta' falliment kienu għadhom għaddejnin, fil-11 ta' Ġunju 2025. It-tieni fiera tal-impjiegi saret f'Ghent fil-25 ta' Settembru 2025. Fil-11 ta' Lulju 2025, ftit wara d-dikjarazzjoni ta' falliment, tnedew sessjonijiet ta' informazzjoni u ta' reġistrazzjoni, u servizzi ta' rikollokament biex jappoġġaw lill-eks ħaddiema ta' Soliver.

Komplementarjetà mal-azzjonijiet iffinanzjati minn fondi nazzjonali jew tal-Unjoni

20. Il-Belġju kkonferma li l-miżuri deskritti hawn taħt, li jirċievu kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, ma humiex se jirċievu wkoll kontribuzzjonijiet finanzjarji minn strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni.
21. Il-pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati jikkomplementa azzjonijiet iffinanzjati minn fondi nazzjonali jew tal-UE oħrajn.

Proċeduri għall-konsultazzjoni tal-benefiċjarji fil-mira jew tar-rappreżentanti tagħhom jew tas-sħab soċjali kif ukoll tal-awtoritajiet lokali u reġjonali

22. Il-Belġju indika li l-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati tfassal f'konsultazzjoni ma' esperti, inklużi xi membri tat-taskforce, u mas-sħab soċjali, f'konformità mal-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) 2021/691. Il-pakkett finali ta' miżuri ntlaħaq qbil dwaru mal-Konfederazzjoni Ġenerali tat-Trade Unions Liberali tal-Belġju (ACLVB)¹⁰, mal-Federazzjoni Ġenerali Belġjana tax-Xogħol (ABVV)¹¹, u mal-Konfederazzjoni tat-Trade Unions Kristjani (ACV)¹² fl-ewwel laqgħa tal-kumitat ta' tmexxija li saret fil-21 ta' Ottubru 2025.

Benefiċjarji fil-mira u miżuri proposti

Benefiċjarji fil-mira

23. It-803 ħaddiema kollha ssensjati huma mistennija jipparteċipaw fil-miżuri. Skont l-Artikolu 8(7), il-punt (f), tar-Regolament (UE) 2021/691, id-diżaggregazzjoni pprovdata ta' dawn il-ħaddiema skont il-ġeneru, il-grupp ta' età u l-livell edukattiv hija kif ġej:

Kategorija		Għadd ta' benefiċjarji mistennija	
Ġeneru:	Irġiel:	616	(76,7 %)
	Nisa:	187	(23,3 %)

⁹ Id-Digriet Reġju tal-10 ta' Novembru 2006 li jemenda d-Digriet Reġju tad-9 ta' Marzu 2006.

¹⁰ Algemene Centrale der Liberale Vakbonden van België.

¹¹ Algemeen Belgisch Vakverbond

¹² Algemeen Christelijk Vakverbond.

		Mhux binarji	0	(0,0 %)
Grupp ta' età:		Taħt it-30 sena:	145	(18,1 %)
		Bejn it-30 u l-54 sena:	585	(72,9 %)
		Iktar minn 54 sena:	73	(9,1 %)
Livell edukazzjoni		Edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell jew inqas ¹³	298	(37,1 %)
		Edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell ¹⁴ jew postsekondarja ¹⁵	191	(23,8 %)
		Edukazzjoni terzjarja ¹⁶	314	(39,1 %)

Miżuri proposti

24. Skont l-Artikolu 8(7), il-punt (h), tar-Regolament (UE) 2021/691, il-pakkett koordinat personalizzat li jrid jiġi pprovdut lill-ħaddiema ssensjati jikkonsisti mill-miżuri li ġejjin:
- **Task force:** Maniġers tal-kontijiet b'għarfien profund tas-suq tax-xogħol lokali, flimkien ma' konsulenti b'esperjenza fl-għoti ta' gwida tul il-proċessi kollettivi tas-sensji, jorganizzaw u jmexxu s-sessjonijiet ta' informazzjoni. Billi jaħdmu mill-qrib mal-ħaddiema, huma jiddefinixxu l-perkorsi personalizzati għar-riintegrazzjoni fl-impjieg u jaġġustawhom mill-ġdid fejn neċessarju. It-task force għandha l-appoġġ ta' tim ta' esperti fil-proġetti Ewropej.
 - **Rikollokament:** Is-servizzi ta' rikollokament ipprovduti f'sessjonijiet fi grupp jew individwali jinkludu, fost affarijiet oħrajn, intervista inizjali u gwida individwali, ċertifikazzjoni tal-ħiliet miksubin, gwida dwar l-użu tal-pjattaforma "Il-Karriera Tiegħi" (*Mijn Loopbaan*), pjattaforma diġitali għat-tiftix ta' impjieg fornuta mis-servizzi pubbliċi tal-impjieg Fjammingi (VDAB¹⁷), kif ukoll gwida qabel, matul, u wara l-fiera tal-impjieg deskritta hawn taħt. Fi ħdan din il-miżura, ġiet organizzata "azzjoni dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti" fit-3 ta' Diċembru 2025. Matul azzjoni dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti, jiġu ppreżentati/magħmula disponibbli offerti ta' impjieg lil gruppi żgħar ta' ħaddiema biex japplikaw għalihom. Il-ħaddiema jiġu megħjuna minn esperti matul il-proċess tal-applikazzjoni u l-VDAB jimmonitorja l-progress ta' tali applikazzjonijiet u l-eżitu tagħhom.

¹³ ISCED 0-2.

¹⁴ ISCED 3.

¹⁵ ISCED 4

¹⁶ ISCED 5-8

¹⁷ Vlaamse Dienst voor Arbeidsbemiddeling en Beroepsopleiding (VDAB)

- Assistenza biex jinstab impjieg: L-assistenza tibda billi tiġi evalwata l-adeqwatezza tal-persuni li qed ifittxu impjieg għad-domandi kurrenti tas-suq tax-xogħol u r-realiżmu tat-tfittxija tagħhom għal impjieg. Imbagħad, tipprovdi assistenza mfassla apposta, inkluż irfinar tas-CV u tal-ittra ta' akkumpanjament, il-bini tal-fiduċja, u t-tnejn għall-intervisti. Jiġu evalwati l-ħiliet diġitali, b'taħriġ bażiku fl-ICT offrut lil ħaddiema diġitalment illitterati li jiksbu wkoll aċċess għal “banek diġitali”, fejn jistgħu jissellfu laptops, jirċievu taħriġ, u jiksbu appoġġ diġitali. Fl-istess waqt, webinars u għodod online bħal 123digit.be jgħinu lil dawk li diġà għandhom xi ħiliet ikomplu jiżviluppaw il-kompetenzi diġitali tagħhom.
 - Assistenza rinforzata għat-tiftix ta' impjieg: L-appoġġ jinkludi coaching individwali u esplorazzjoni tal-impjieg disponibbli, taħriġ fi grupp ma' medjatur vokazzjonali, għajjuna bl-applikazzjonijiet għal impjieg u tnejn għall-intervisti, u żjarat għand kumpaniji li qegħdin ifittxu l-ħaddiema u f'ċentri ta' taħriġ, biex jittejjeg it-titjib tal-ħiliet.
- Barra minn hekk, se jiġu organizzati sessjonijiet ta' informazzjoni dwar opportunitajiet ta' xogħol transfruntiera fin-Netherlands ma' esperti tal-EURES mis-servizzi tal-impjieg Netherlandiżi.
- Gwida: Is-servizzi ta' gwida joffru pariri dwar il-karriera, tiftix ta' postijiet tax-xogħol vakanti, u kollokament f'impjieg (li jkabbel il-ħiliet u l-miri tal-kandidati mal-ħtiġijiet tal-impjegaturi), assistenza individwali fit-tiftix ta' impjieg, u appoġġ psikoloġiku. Is-suġġetti koperti matul is-sessjonijiet ta' rikollokament jiġu rrieżaminati, kif meħtieġ. L-appoġġ jingħata permezz ta' sistema ta' vawċers biex il-ħaddiema jkollhom il-flessibbiltà, u l-konsulenti tal-VDAB jadattaw l-intensità tal-appoġġ (minn standard għal intensiva ħafna) abbażi ta' valutazzjonijiet individwali.
 - Taħriġ u taħriġ mill-ġdid: Il-ħaddiema jirċievu taħriġ imfassal apposta għalihom permezz ta' perkorsi ta' apprendiment speċjalizzati biex itejbu l-ħiliet tekniċi, diġitali, u li hawn domanda għalihom (inklużi dawk marbuta man-nuqqasijiet ta' ħaddiema u mat-tranżizzjoni ekoloġika). Wara li jaqblu fuq pjanijiet individwali ma' konsulent vokazzjonali, huma jaċċessaw taħriġ immirat—jew permezz ta' VDAB jew permezz ta' fornituri esterni—biex jindirizzaw il-ħtiġijiet identifikati.
- Huma disponibbli wkoll korsijiet tal-lingwa Olandiża, peress li ħafna mill-eks impjegati ta' Soliver għandhom profiċjenza limitata bl-Olandiż, li potenzjalment tillimitalhom l-opportunitajiet ta' impjieg tagħhom.
- Taħriġ fuq il-post tax-xogħol: Il-ħaddiema jirċievu taħriġ fuq il-post tax-xogħol mal-impjegatur futur tagħhom, u jikkonkludu kuntratt permanenti jew b'terminu fiss li jdum mill-inqas għal kemm idum it-taħriġ.
 - Fiera tal-impjieg: Dan l-event ta' reklutaġġ jgħin biex ilaqqaq lil dawk li qed ifittxu impjieg ma' impjegaturi li qed ifittxu l-impjegati. Qabel jattendu l-event, is-sessjonijiet ta' konsulenza jgħinu jħejjuhom biex jiltaqgħu mal-impjegaturi potenzjali.

25. Il-valutazzjoni tal-ħiliet diġitali tal-ħaddiema, it-taħriġ fl-ICT u l-appoġġ addizzjonali previsti fl-għajjuna għat-tiftix ta' impjieg jippermettu t-tixrid tal-ħiliet meħtieġa fl-era industrijali diġitali u f'ekonomija effiċjenti fir-riżorsi, kif meħtieġ mill-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) 2021/691.

26. L-azzjonijiet proposti u deskritti hawnhekk, huma magħmula minn miżuri ta' politika attiva tas-suq tax-xogħol fl-ambitu tal-azzjonijiet eliġibbli stipulati fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2021/691. Dawn l-azzjonijiet ma jidhux post il-miżuri passivi ta' protezzjoni soċjali.
27. Il-Belġju ta l-informazzjoni meħtieġa dwar il-miżuri li huma obbligatori għall-intrapriża kkonċernata permezz tal-liġi nazzjonali jew skont il-ftehimiet kollettivi. F'konformità mal-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) 2021/691, il-Belġju kkonferma li dawn il-miżuri ma humiex se jiġu sostitwiti b'kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG.

Baġit stmat

28. Il-kostijiet totali stmati huma ta' EUR 2 508 865, li jinkludu nefqa ta' EUR 2 412 465 għal servizzi personalizzati u nefqa ta' EUR 96 400 għal attivitajiet ta' thejjiġa, ta' ġestjoni, ta' informazzjoni u pubbliċità, ta' kontroll u ta' rapportar.
29. Il-kontribuzzjoni finanzjarja totali mitluba mill-FEG hija ta' EUR 2 132 535 (85 % tal-kostijiet totali).
30. Skont l-Artikolu 8(7), il-punt (m), tar-Regolament (UE) 2021/691, il-Belġju speċifika li l-prefinanzjament u l-kofinanzjament nazzjonali huma pprovduti mill-VDAB.

Miżuri	Għadd stmat ta' parteċipanti	Kost stmat għal kull parteċipant (EUR) ¹⁸	Kostijiet totali stmati (EUR) ¹⁹
Servizzi personalizzati (miżuri skont l-Artikolu 7(2), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2021/691)			
Task force	803	148	118 642
Rikollokament (<i>Outplacementbegeleiding</i>)	473	1 986	939 273
Għajnuna biex jinstab impjieg (<i>actieve bemiddeling</i>)	275	1 660	456 529
Assistenza rinforzata għat-tiftix ta' impjieg (<i>Jobhunting</i>)	250	1 217	304 352
Gwida (<i>Begeleiding bij partners</i>)	25	2 860	71 511
Taħriġ u taħriġ mill-ġdid (<i>Opleiding eigen beheer, opleiding SIF, u opleiding bij partners</i>)	105	4 827	506 808

¹⁸ Biex jiġu evitati d-deċimali, il-kostijiet stmati għal kull ħaddiem ġew ittondjati. Madankollu, l-ittondjar ma għandu l-ebda impatt fuq il-kost totali ta' kull miżura, li jibqa' bħalma hemm fl-applikazzjoni sottomessa mill-Belġju.

¹⁹ It-totali ma jaqblux minhabba l-ittondjar.

Taħriġ fuq il-post tax-xogħol (<i>Opleiding in onderneming - IBO</i>)	10	960	9 600
Fiera tal-impjiegi (<i>Jobbeurs</i>)	288	20	5 750
Subtotal (a):			2 412 465
Perċentwal tal-pakkett ta' servizzi personalizzati		–	(96,16 %)
Attivitajiet skont l-Artikolu 7(5) tar-Regolament (UE) 2021/691			
1. Attivitajiet ta' tħejjija		–	2 500
2. Ġestjoni		–	40 000
3. Informazzjoni u pubbliċità		–	3 900
4. Kontroll u rapportar		–	50 000
Subtotal (b):			96 400
Perċentwal tal-kostijiet totali:		–	(3,84 %)
Kostijiet totali (a + b):		–	2 508 865
Kontribuzzjoni tal-FEG (85 % tal-kostijiet totali)		–	2 132 535

Perjodu ta' eliġibbiltà tan-nefqa

31. Il-Belġju beda jipprovdi s-servizzi personalizzati lill-benefiċjarji fil-mira fil-11 ta' Ġunju 2025. Għalhekk, in-nefqa fuq il-miżuri se tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mill-11 ta' Ġunju 2025 sa 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni ta' Finanzjament.
32. Il-Belġju beda jġarrab in-nefqa amministrattiva biex jimplimenta l-FEG fil-11 ta' Ġunju 2025. Għalhekk, in-nefqa għal attivitajiet ta' tħejjija, ta' ġestjoni, ta' informazzjoni u ta' pubbliċità, ta' kontroll u ta' rapportar għandha tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mill-11 ta' Ġunju 2025 sa 31 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni ta' Finanzjament.

Sistemi ta' ġestjoni u kontroll

33. L-applikazzjoni fiha deskrizzjoni tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll meħtieġa skont l-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) 2021/691, li tispesifika r-responsabbiltajiet tal-korpi involuti. Il-Belġju nnotifika lill-Kummissjoni li l-kontribuzzjoni finanzjarja se tkun ġestita mill-VDAB. Il-pagamenti se jsiru mis-servizz finanzjarju tal-VDAB. Id-Dipartiment tal-Finanzi u tal-Baġit - Unità tal-Awditjar tal-Awtorità tal-Awditjar Fjamminga għall-Fondi Strutturali Ewropej se taġixxi bħala l-awtorità tal-awditjar.

Impenji pprovduti mill-Istat Membru kkonċernat

34. Il-Belġju ta l-assigurazzjonijiet kollha meħtieġa fir-rigward ta' dan li ġej:
 - il-prinċipji tat-trattament ugwali u tan-nondiskriminazzjoni se jiġu rispettati fl-aċċess għall-miżuri proposti u għall-implimentazzjoni tagħhom,
 - ir-rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE dwar is-sensji kollettivi jkunu ġew issodisfati,
 - kwalunkwe finanzjament doppju se jiġi prevenut,

- il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG se tikkonforma mar-regoli proċedurali u materjali tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat.

IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Proposta baġitarja

35. Il-FEG ma għandux jaqbeż ammont annwali massimu ta' EUR 30 miljun (il-prezzijiet tal-2018), kif stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027²⁰ emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2024/765 tad-29 ta' Frar 2024²¹.
36. Wara li eżaminat l-applikazzjoni fir-rigward tal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 13(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2021/691, u wara li qieset l-għadd ta' benefiċjarji fil-mira, il-miżuri proposti u l-kostijiet stmati, il-Kummissjoni tipproponi li jiġi mmobilizzat il-FEG għall-ammont ta' EUR 2 132 535, li jirrappreżenta 85 % tal-kostijiet totali tal-miżuri proposti, sabiex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni.
37. Id-deċiżjoni proposta għall-mobilizzazzjoni tal-FEG se tittieħed b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, skont l-Artikolu 15(1), l-ewwel subparagrafu, it-tieni sentenza, tar-Regolament (UE) 2021/691 u kif stabbilit fil-punt 9 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda²².

Atti relatati

38. Fl-istess ħin li tippreżenta din il-proposta għal deċiżjoni biex timmobilizza l-FEG, il-Kummissjoni se tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta biex tittrasferixxi l-ammont ta' EUR 2 132 535 għal-linja baġitarja rilevanti.
39. Fl-istess waqt li adottat din il-proposta għal deċiżjoni biex jiġi mobilizzat il-FEG, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni dwar kontribuzzjoni finanzjarja li tikkostitwixxi deċiżjoni ta' finanzjament skont it-tifsira tal-Artikolu 110 tar-Regolament (EU, Euratom) 2024/2509²³. Dik id-deċiżjoni ta' finanzjament se tidħol fis-seħħ fid-data li fiha l-Kummissjoni tiġi nnotifikata bl-approvazzjoni tat-trasferiment baġitarju mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill skont l-Artikolu 15(2), l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2021/691.

²⁰ ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11.

²¹ ĠU L, 2024/765, 29.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/765/oj>.

²² ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 28.

²³ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni), ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati wara applikazzjoni mill-Belġju – EGF/2025/009 BE/Soliver

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013²⁴, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1), l-ewwel subparagrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda²⁵, u b'mod partikolari l-punt 9 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) għandu l-għan li juri solidarjetà u li jippromwovi impjiegi diċenti u sostenibbli fl-Unjoni billi jipprovdi appoġġ għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja u għal dawk b'impjieg indipendenti li l-attività tagħhom tkun waqfet fil-każ ta' avvenimenti ta' ristrutturar kbar u billi jgħinjom jirritornaw għal impjieg diċenti u sostenibbli mill-iktar fis possibbli.
- (2) Il-FEG ma jistax jaqbeż l-ammont annwali massimu ta' EUR 30 miljun (fi prezzijiet tal-2018), kif stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093²⁶, emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2024/765²⁷, u fl-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2021/691.
- (3) Fit-22 ta' Diċembru 2025, il-Belġju ssottometta applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-FEG f'konformità mal-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) 2021/691, fir-rigward tas-sensji tal-ħaddiema f'Soliver NV fil-Belġju. Din ġiet issupplimentata b'informazzjoni addizzjonali pprovduta f'konformità mal-Artikolu 8(5) tar-Regolament (UE) 2021/691. Dik l-applikazzjoni titqies li tikkonforma mal-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG kif stabbilit fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2021/691, abbażi tal-valutazzjoni li saret mill-

²⁴ ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48.

²⁵ ĠU 433 I, 22.12.2020, p. 28

²⁶ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11).

²⁷ ĠU L, 2024/765, 29.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/765/oj>.

Kummissjoni fil-Proposta għal deċiżjoni ta' mobilizzazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁸.

- (4) Għalhekk, jenħtieġ li l-FEG jiġi mmobilizzat biex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR 2 132 535 fir-rigward tal-applikazzjoni sottomessa mill-Belġju.
- (5) Biex iż-żmien li jittieħed għall-mobilizzazzjoni tal-Fond jitnaqqas kemm jista' jkun, jenħtieġ li din id-deċiżjoni tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2026, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati għandu jiġi mmobilizzat biex jipprovdi l-ammont ta' EUR 2 132 535 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għandu japplika minn [*id-data tal-adozzjoni tiegħu*]*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

²⁸ COM(2026) 50.

* **Id-data trid tiddaħħal mill-Parlament qabel il-pubblikazzjoni fil-ĠU.**